A.L. 131 ta' l-2004

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2004 dwar ġbir ta' Informazzjoni Supplimentari dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Ġbir ta' Informazzjoni Supplimentari dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"aġent" tfisser burdnar kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija; Kap. 203.

"kummerċ ta' oġġetti bejn Stati Membri" tfisser kull moviment ta' oġġetti minn Stat Membru għall-ieħor;

"oġġetti" tfisser kemm oġġetti ġejjin mill-Komunità u kemm oġġetti mhux ġejjin mill-Komunità;

"oġġetti ġejjin mill-Kommunità" tfisser oġġetti:-

(i) miksuba interament fit-territorju doganali tal-Komunità, mingħajr iż-żieda ta' oġġetti minn pajjiżi li m'humiex membri jew minn territorji li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità;

(ii) ġejjin minn pajjiżi jew territorji li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità li jkunu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera f'xi Stat Membru;

(iii) miksuba fit-territorju doganali tal-Komunità sew mill-oġġetti esklussivament imsemmija fis-subparagrafu (ii) ta' din it-tifsira jew mill-oġġetti msemmija fis-subparagrafi (i) u (ii) ta' din it-tifsira;

"oġġetti mhux ġejjin mill-Komunità" tfisser oġġetti barra minn dawk imfissra bħala oġġetti ġejjin mill-Komunità. Mingħajr preġudizzju għal kull ftehim li jsir mill-Komunità Ewropea ma' pajjiżi li m'humiex membri għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti dwar it-transitu mill-Komunità, dawk l-oġġetti li, filwaqt li jkunu skond il-kondizzjonijiet li bihom ikunu kunsidrati bħala oġġetti ġejjin mill- Komunità jkunu mdaħħla mill-ġdid fit-territorju doganali tal-Komunità wara li kienu ġew esportati minn hemmhekk ikunu kkunsidrati wkoll bħala oġġetti mhux ġejjin mill-Komunità;

"tluq" tirreferi għall-oġġetti li jintbagħtu minn Malta lejn destinazzjoni fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea;

"wasliet" tirreferi għad-dħul ta' oġġetti f'Malta minn Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea.

Is-sistema ta' ġbir ta' informazzjoni supplimentari.

3. (1) Qed tiġi b'dan imwaqqfa sistema ta' ġbir ta' informazzjoni supplimentari, li għandha tiġbor l-istatistika kollha li jkollha x'taqsam mal-kummerċ ta' oġġetti bejn Malta u Stati Membri oħra.

(2) Il-persuni kollha li jagħmlu kummerċ f'oġġetti ġejjin mill-Komunità bejn Malta u Stati Membri oħra għandhom ikunu meħtiega li jippreżentaw informazzjoni supplimentari li jkollha x'taqsam ma' l-oġġetti li jkunu qed jiġu kkummerċjati skond ma jista' jkun, minn żmien għal żmien, meħtieġ.

(3) L-oġġetti ġejjin mill-Komunità kollha kkummerċjati bejn Malta u l-iStati Membri l-oħra għandhom ikunu soġġetti għall-ġbir ta' informazzjoni supplimentari li għandha tingħata kif meħtieg b'dawn ir-regolamenti:

Iżda għandu jkun ikkunsidrat li jkun hemm moviment bejn Malta u l-iStati Membri oħra wkoll jekk fil-waqt li dan ikun qed isir l-oġġetti jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Komunità u irrespettivament mill-fatt jekk dawn sussegwentement jidħlux jew le fit-territorju ta' Stat li ma jkunx Membru.

(4) L-informazzjoni supplimentari meħtieġa għall-iskopijiet tas-sistema ta' ġbir ta' informazzjoni supplimentari

għandha tkun stipulata mill-Kummissarju tal-VAT f'format apposta u għandha tiġi ppreżentata mill-persuni responsabbli, jew mill-aġent awtorizzat tagħhom, f'dikjarazzjonijiet perjodiċi.

Aġent.

4. (1) Kull persuna responsabbli biex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa b'dawn ir-regolamenti tista' tgħaddi l-inkarigu li tipprovdi l-informazzjoni lil xi aġent, imma dan it-trasferiment ma għandu b'ebda mod inaqqas ir-responsabbilità ta' dik il-persuna.

(2) Kull persuna li tgħaddi l-inkarigu li tiġi provduta informazzjoni lil xi aġent skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha tipprovdi lil dak l-aġent bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala l-persuna responsabbli.

(3) Il-Kummissarju jista' jitlob lil kull persuna responsabbli li tagħti l-informazzjoni biex tavżah li huwa jkun għadda dak l-inkarigu lil xi aġent li għandu jkun identifikat minnu lill-Kummissarju.

Persuni li mhux meħtiega li jippreżentaw dikjarazzjonijiet perjodiċi.

5. Kull persuna li, skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u skond is-Sitt Skeda li tinsab ma' dak l-Att, mhix meħtieġa li tagħti kont għat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dak li għandu x'jaqsam mal-moviment partikolari ta' oġġetti, u l-persuni kollha li jikkwalifikaw għal xi waħda mill-iskemi speċjali li hemm provdut dwarhom f'dak l-Att, persuni ġuridiċi li ma għandhomx jagħtu kont għat-taxxa fuq il-valur miżjud u persuni li huma responsabbli li jagħtu kont li jwettqu biss operazzjonijiet li ma jagħtuhomx dritt għal xi tnaqqis fit-taxxa fuq il-valur miżjud u li ma humiex meħtiega li jippreżentaw xi dikjarazzjoni ta' taxxa, għandhom ikunu eżenti mid-disposizzjonijet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda kull persuna li ma tkunx meħtieġa tipprovdi l-informazzjoni mill-bidu tas-sena imma li l-valur kumulattiv tal-kummerċ tagħha kemm għall-wasliet u kemm għat-tluq ikun jilħaq il-limitu stabbilit f'xi xahar kalendarju, għandha tippreżenta l-informazzjoni għal dak ix-xahar u għax-xhur sussegwenti.

Iżda wkoll, jekk fl-opinjoni tal-Kummissarju, il-kwalità ta' l-informazzjoni tkun qed tintlaqat ħażin bl-użu ta' l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, huwa jista', wara konsultazzjoni mad-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, ivarja jew iwarrab l-applikazzjoni fir-rigward ta' kull persuna jew ta' ċerti persuni.

Perjodu ta' referenza.

6. Il-perjodu ta' referenza sabiex tingħata d-dikjarazzjoni perjodika għandu jkun dak il-perjodu li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stabbilit permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

Limitu għas-simplifikazzjoni.

7. Kull persuna li mhix eżenti mid-disposizzjonijiet tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti iżda li l-attivitajiet kummerċjali tagħha jaqgħu taħt il-limitu annwali ta' Lm40,000 għal wasliet u, jew Lm40,000 għal tluq, tkun biss meħtiega tagħti dik l-informazzjoni hekk kif tista' tintalab permezz ta' avviż fil-Gazzetta billi tuża format simplifikat:

Iżda, persuna li l-attivitajiet tal-kummerċ tagħha jaqbżu dak il-limitu f'kull żmien matul is-sena kalendarja, tkun meħtieġa li tipprovdi informazzjoni minn dak ix-xahar tas-sena li fih il-limitu jinqabeż:

Iżda wkoll, jekk fl-opinjoni tal-Kummissarju, il-kwalità ta' l-informazzjoni tkun qed tintlaqat ħażin bl-użu tal-format simplifikat, il-Kummissarju jista', wara li jikkonsulta lid-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, ivarja jew iwarrab l-applikazzjoni fir-rigward ta' kull persuna jew ta' ċerti persuni.

Penalitajiet.

8. Kull persuna li tonqos milli tippreżenta dikjarazzjoni perjodika kif provdut f'dawn ir-regolamenti u kif meħtieġ bl-artikolu 6 ta' dawn ir-regolamenti tista' teħel il-pieni li hemm provdut dwarhom fl-artikolu 76 ta' l-Att.

Uffiċċji għall-ġbir.

9. Il-Ministru responsabbli mill-finanzi jista', skond kif ikun meħtieġ, isemmi uffiċċji għall-finijiet ta' ġbir ta' informazzjoni supplimentari meħtieġa b'dawn ir-regolamenti.